

21996A1231(02)

L 345/79

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1996

FTEHIM

fforma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea, minn-naħa l-waħda, u r-Renju tan-Norveġja, minn-naħa l-oħra, dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja

A. *Ittra mill-Komunità*

Brussel, l-20 ta' Diċembru 1996


Sinjur,

Għandi l-unur nikkonferma l-ftehim tal-Komunità tal-"Minuti Miftiehma" annessi hawnhekk dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja.

Inkun grat jekk tikkonferma l-qbil tal-Gvern tar-Renju tan-Norveġja mal-kontenut ta' din l-ittra.

Sinjur, jekk jogħġbok, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea



B. *L-Ittra min-Norveġja*

Brussel, l-20 ta' Diċembru 1996

Sinjur,


Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek tal-llum li taqra kif ġej:

“Għandi l-unur nikkonferma l-ftehim tal-Komunità tal-‘Minuti Miftehma’ annessi hawnhekk dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja.”

Għandi l-unur nikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-kontenut ta’ l-ittri tiegħek u mad-data proposta għad-dħul fis-seħħ ta’ l-emendi.

Sinjur, jekk jogħġbok, aċċetta l-assigurazzjoni ta’ l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvern tar-Renju tan-Norveġja



MINUTI MIFTEHMA

I. Introduzzjoni

1. Wara numru ta' laqgħat li saru bejn l-uffiċjali mill-Kummissjoni u min-Norveġja kien miftiehem li jintbagħtu lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom għall-approvazzjoni serje ta' aġġustamenti għar-reġimi rispettivi tal-importazzjoni applikati mill-Komunità u minn-Norveġja għall-prodotti agrikoli proċessati li huma skond l-iskop tal-Protokoll 2 tal-Ftehim tal-Kummerċ Ħieles tal-1973. Dawn l-aġġustamenti kieku jgħoddu mill-1 ta' Settembru 1996.
2. L-aġġustamenti riferuti fil-paragrafu 1 isegwu l-ftehim taż-żewġ naħat li adattament tad-dazji tal-kummerċ bilaterali bejn il-Komunità u n-Norveġja kellu bżonn jinkiseb wara l-implimentazzjoni tal-GATT miż-żewġ naħat. Għal dak l-iskop u suġġetti għall-Arranġamenti Addizzjonali preżentati fil-Parti V iż-żewġ partijiet ftiehem li r-rati ta' riferenza għall-materja prima agrikola preżentata fil-Partijiet II (1) u III ikunu applikati.

II. Ir-reġim tal-importazzjoni tan-Norveġja

1. Ir-rati tar-riferenza li ġejjin (Nkr/kg) tal-materja prima agrikola kieku jintużaw għall-kalkolu tad-dazji għall-prodotti agrikoli pproċessati:

	Matriċi (a)	Riċetti Standard	Kontenut attwali
Trab sħiħ tal-ħalib (*)	11,78	11,78	11,78
Trab tal-ħalib xkumat (*)	12,54	12,54	12,54
Butir (*)	13,13	13,13	13,13
Ħalib għal <i>yoghurt</i>	(b)	3,10	3,10
Ħalib għax-xorb	(b)	2,30	2,30
Ħalib sħiħ likwidu	(b)	—	1,47
Ħalib xkumat likwidu	(b)	—	1,10
Xaħam tal-ħalib tal-bott	(b)	—	5,13
Ħalib tal-bott xkumat	(b)	—	4,87
Trab tal-ħalib 20 % xaħam	(b)	—	11,76
Trab tax-xorrox tal-ħalib	(b)	—	12,30
Krema	(b)	—	4,62
Taħlita tal-krema	(b)	—	5,49
Krema qarsa magħquda	(b)	—	6,90
Trab tal-krema	(b)	—	11,10
Trab tax-xorrox	(b)	—	3,09
Caseinates	(b)	—	34,50
Albumina tal-ħalib	(b)	—	34,50
Dqiq tal-qamħ (*)	2,02	2,02	2,02
Dqiq tar-rye	2,02	2,23	2,02
Dqiq tad- <i>durum</i>	2,02	1,36	2,02
Dqiq tax-xgħir	2,02	—	2,02
Dqiq tal-qamħ tar-rye	2,02	—	2,02
Dqiq tal-qamħ irrun	0	—	0
Dqiq tar-ross	0	—	0
Dqiq ta' ċerejali oħra	0	—	0
Qamħ komuni	1,57	—	1,57
Qamħ tad- <i>durum</i>	1,01	—	1,01

	Matriċi (a)	Riċetti Standard	Kontenut attwali
Xgħir	1,41	—	1,41
Ħafur	1,21	—	1,21
Rye	1,51	—	1,51
Dqiq tar-rye	1,51	—	1,51
Qamħirrun	0	—	0
Ċerejali oħra	0	—	0
Nuħħala tad-dqiq	2,02	—	2,02
Nuħħala tal-ħafur	2,02	—	2,02
Ħafur imrembel	2,02	—	2,02
Xgħir tal-qamħ	0	—	0
Xgħir tax-xgħir	0	—	0
Glutina tal-qamħ	0	—	0
Ross	0	—	0
Lamtu tal-patata (*)	4,55	4,55	4,55
Lamtu ieħor (*)	4,55	—	4,55
Lamtu modifikat	4,55	—	4,55
Glukosju u għasel tal-glukosju	4,55	4,55	4,55
Zokkor	0	—	0
Maltodextrine	0	—	0
Patata	0,83	—	0,83
Dqiq u qxur tal-patata	3,87	12,38	12,38
Laħam taċ-ċanga, mingħajr għadam (14 % xaħam) (*)	26,69	26,69	26,69
Laħam tl-ħanżir (23 % xaħam)	19,82	19,82	19,82
Laħam tan-nagħaġ	8,90	—	8,90
Laħam tat-tjur	3,11	—	3,11
Xaħam barra butir	0	—	0
Raspberries iffriżati (*)	1,78	—	1,78
Konċentrat tar-raspberries	9,22	—	9,22
Passolina sewda ffriżata	1,78	—	1,78
Konċentrat tal-passolina sewda	4,81	—	4,81
Frawli ffriżati	1,78	1,89	1,78
Konċentrat tal-frawli	9,22	—	9,22
Polpa tat-tuffieħ	0	—	0
Konċentrat tat-tuffieħ	0	—	0
Ġobon (*)	20,70	20,70	20,70
Trab tal-ġobon	12,83	—	12,83
Trab sħiħ tal-bajd (*)	46,77	46,77	46,77
Bajd fil-qoxra	9,77	—	9,77
Isfar tal-bajda ppriservat (isfar tal-bajd likwidu)	27,73	27,73	27,73
Trab ta' l-isfar tal-bajd	58,57	—	58,57
Kolla sħiħa tal-bajd (bajd sħiħ mhux fil-qoxra)	9,61	9,61	9,61
Albumina likwida	0	—	0
Albumina bħala trab	0	—	0

Noti: (a) Ir-rati ta' riferenza għall-materja prima agrikola indikati b'asteriska (*) huma dawk li fuqhom id-dazji jinħadmu għall-prodotti agrikoli proċessati suġġetti għas-sistema tal-matriċi – ir-rati l-oħra tar-riferenza għall-materja prima li għandhom ikunu dikjarati taħt din l-intestatura huma dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-konverżjoni.

(b) Ir-rati ta' riferenza tal-matriċi għal dik il-materja prima agrikola tiddependi fuq ix-xaħam attwali tal-ħalib u l-kontenut tal-proteini tal-ħalib skond il-koeffiċjenti tal-konverżjoni.

2. Il-kodiċi tat-tariffi Norveġiżi msemmija f'dawn il-minuti jirreferu għal dawk komunikati lill-Kummissjoni min-Norveġja fin-Notifika Regolari datata l-15 ta' Frar 1996 li tkopri l-Protokoll 2 tal-Ftehim tal-Kummerċ Fieles. It-termini ta' dawn il-minuti ma jkunux preġudikati minn xi bidliet futuri li jistgħu jsiru fin-nomenklatura tat-tariffa Norveġiża.
3. Il-kwantità *de minimis* li taħtha dazju ma jkunx applikat għad-dqiq, lamtu u/jew glukosju tkun ta' 5 %.
4. Intervall addizzjonali ta' mhux anqas minn 5 kg iżda anqas minn 15 kg ta' lamtu u/jew glukosju meġjus li ntuża għal kull 100 kg ta' prodott agrikolu pproċessat ikun introdott u f'din il-medda kwantità ta' 12,5 kg ta' lamtu/glukosju jittieħdu biex jinħadem id-dazju. Għal interval ta' mhux anqas minn 15-il kg iżda anqas minn 25-il kg ta' lamtu u/jew glukosju d-dazju jinħadem fuq il-bażi ta' 22,5 kg.
5. Il-kwantità *de minimis* li taħtha dazju ma jkunx applikat għal materja prima addizzjonali (laħam, ġobon, bajd u frott artab (*raspberries* iffriżati, *passolina* sewda iffriżata u frawli ffriżati)) ikun ta' 3 %. Biex jinħadem id-dazju, frott frisk artab ikun imqabbel ma "dak iffriżat fuq bażi ta' konverżjoni ta' wieħed għal wieħed."
6. L-intervalli riveduti tal-kwantitajiet mistħajla u l-kwantitajiet miftehma tal-materja prima agrikola li għandhom ikunu kunsidrati, partikolarment bħala riżultat tal-punti 3 sa 5 hawn fuq, jintwerew f'L-Anness A, (Partijiet 1 u 2).
7. Id-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1806.1000 Trab tal-kakaw li fih iz-zokkor jew materja oħra ta' ħlewwa jkun żero.
8. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1806.2012 Trabijiet tal-krema ta' fuq il-mejda f'kontenituri jew pakketti immedjati, ta' kontenut li jaqbeż iż-2 kg. 1806.2090 Ieħor (barra t-trabijiet tal-ġelat jew it-trabijiet tal-krema ta' fuq il-mejda) fi blokki, ċangaturi jew staneg li jiżnu aktar minn 2 kg f'forma likwida, tal-kolla, tat-trab, granulari jew forma kbira oħra f'kontenituri jew pakketti immedjati, ta' kontenut li jaqbeż iż-2 kg, 1806.3100 Ieħor, fi blokki ċangaturi jew staneg - mimlija, 1806.3200 Ieħor, fi blokki, ċangaturi jew staneg – mhux mimlija, 1806.9010 Ċikkulata oħra, inkluża l-konfezzjoni taz-zokkor, li fiha l-kakaw (barra fi blokki, ċangaturi jew staneg li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, tal-kolla, tat-trab, granulari jew forma kbira oħra f'kontenituri jew pakketti immedjati, ta' kontenut li jaqbeż iż-2 kg), 1806.9022 Trabijiet tal-krema ta' fuq il-mejda, 1806.9090 Preparazzjonijiet oħra li jittieħdu għandhom ikunu stabbiliti mill-kontenut attwali dikjarat għal materja prima li fuqu huwa applikat dazju agrikolu.
9. L-element industrijali tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1901.1010. Preparazzjonijiet għall-użu tat-trabi, mpoġġija għall-bejgħ bl-imnut: tal-merkanzija ta' l-intestaturi Nri 04.01 sa 04.04 tkun ta' żero.
10. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1901.2010. Taħlit tal-kejkijiet ta' kontenut ta' mhux anqas minn 2 kg għandu jkun ikkoreġut biex ikun ta' Nkr/kg 2,34 maħdum fuq il-bażi tar-riċetta *standard* (35 kg dqiq tal-qamħ, 5 kg lamtu tal-patata u 3 kg trab sħiħ tal-bajd għal kull 100 kg ta' merkanzija).
11. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1901.2099. Taħlit tal-kejkijiet f'kontenituri ta' kontenut nett ta' mhux anqas minn 2 kg (minbarra gheġġen) tkun ta' zero għall-prodotti ddikjarata ħielsa mill-glutina għal min ibati mill-marda ta' l-imsaren.
12. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1904.1090. Ikel preparat miksub billi jitneflu jew jinxteww iċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali (minbarra l-*corn flakes*) ikun ta' Nkr/kg 0,40 u l-element industrijali jkun ta' żero.
13. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 1905.2000. *Gingerbread* u li jixbħu jkun ta' rata fissa ta' Nkr/kg 2,09 u l-element industrijali jkun ta' żero.

14. L-element industrijali tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 2004.1010. Preparazzjonijiet li jittieklu magħmula minn dqiq, qalba tal-qmuħ jew qxur bażati fuq il-patata li fihom mhux anqas minn 75 % bħala toqol ta' patata iffriżata, 2004.1020 Preparazzjonijiet li jittieklu magħmula minn dqiq, qalba tal-qmuħ jew qxur bażati fuq il-patata (minbarra li fihom mhux anqas minn 75 % bħala toqol tal-patata) iffriżati, 2005.2010 Preparazzjonijiet li jittieklu magħmula minn dqiq, qalba tal-qmuħ jew qxur bażati fuq il-patata li fihom mhux anqas minn 75 % bħala toqol ta' patata mhux iffriżata, 2005.2020 Preparazzjonijiet li jittieklu magħmula minn dqiq, qalba tal-qmuħ jew qxur bażati fuq il-patata (minbarra li fihom mhux anqas minn 75 % bħala toqol ta' patata) mhux friżata jkun ta' zero.

15. Id-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 2103.2010. *Ketchup* tat-tadam ikun ta' zero.

16. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi tan-Norveġja 2103.9090. Zlazi oħra u preparazzjonijiet minnhom, tħawwir imħallta u togħmiet imħallta (minbarra il-*ketchup* tat-tadam u zalza oħra tat-tadam, dqiq tal-mustarda u qalba tal-qmuħ u mustarda preparata, *mayonnaise* u *remoulades* u *chutney* likwidu tal-mango) ikun stabbilit mill-kontenut attwali dikkjarat mill-materja prima li fuqu huwa applikat dazju agrikolu.

17. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiż 2104.1010. Brodu tal-laħam f'kontenituri mitbuqa għandu jinżamm ta' Nkr 3,14/kg maħdum fuq il-bażi tar-riċetta *standard* (15-il kg ta' laħam ta' l-ispeċi tal-baqra għal kull 100 kg ta' merkanzija).

18. L-element agrikolu tad-dazju li japplika għall-kodiċi Norveġiż 2105.0010. Ġelat u silġ ieħor li jittiekel li fih il-kakaw ikun ta' Nkr 4,12/kg maħdum fuq il-bażi tar-riċetta *standard* (35 kg ta' trab sħiħ tal-ħalib għal kull 100 kg ta' merkanzija). L-element industrijali jkun ta' Nkr 0,38/kg.

19. L-element agrikolu tad-dazju li japplika għall-kodiċi Norveġiż 2105.0020. Ġelat li fih xaħmijiet li jittieklu jkun maħdum fuq il-bażi tar-riċetta *standard* (35 kg ta' trab sħiħ tal-ħalib u 6 kg ta' frawli friżati għal kull 100 kg ta' merkanzija). L-element industrijali jkun ta' Nkr 0,97/kg.

20. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiż 2106.9020. Preparazzjonijiet tal-meraq tat-tuffieħ u tal-passolina sewda għall-manifattura tax-xorb tkun ta' 9 % *ad valorem* u l-element industrijali tad-dazju jkun ta' 5 % *ad valorem*.

21. Id-dazju għall-kodiċi Norveġiż ex 2106.9030. Preparazzjonijiet oħra għall-manifattura tax-xorb *inter alia* estratti koncentratu ta' meraq ieħor ikun ta' zero.

22. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiż 2106.9051. Sostituti tal-krema (f'forma ta' materja niexfa) tkun ta' rata fissa ta' Nkr 6,01/kg.

23. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiż 2106.9052. Sostituti tal-krema (f'forma likwida) tkun ta' rata fissa ta' Nkr 3,01/kg.

24. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiż 2106.9060.. Xaħam ta' emulsjoni u prodotti simili li fihom aktar minn 15 % bħala toqol ta' xaħam tal-ħalib tkun ta' Nkr 2,63/kg maħdum fuq il-bażi tar-riċetta *standard* (20 kg ta' butir għal kull 100 kg ta' merkanzija).

25. L-element agrikolu tad-dazju li japplika taħt ir-riċetta *standard* (300 kg ta' trab tal-ħalib xkumat) għall-kodiċi Norveġiżi 3501.1000. *Casein* u 3501.9010 *Caseinates* u derivattivi oħra jinżamm fuq il-medja tal-livell impost matul il-perjodu minn Frar 1994 sa Jannar 1995 inklużi ta' Nkr 33,75/kg.

26. L-element agrikolu tad-dazju għall-kodiċi Norveġiżi 3505.1001. *Dextrins esterified* jew *etherified* u lamti modifikati oħra u 3505.1009. *Dextrins* u lamti modifikati oħra (barra *esterified* jew *etherified*) ikun ta' Nkr 8,0/kg ma "l-applikazzjoni mill-operatur għall-awtorità responsabbli Norveġiża."

III. Ir-reġim ta' l-importazzjoni tal-Komunità

L-ammonti bażiċi li ġejjin għandhom jintużaw biex jinħadmu l-komponenti agrikoli u d-dazji addizzjonali:

- Ċereali (qamħ komuni, qamħ tad-*durum*, *rye*, xgħir u qamħirrun) ECU 7,817/100 kg
- Ross *long grain* maħruġ mill-fosdqa ECU 36,33/100 kg
- Trab sħiħ tal-ħalib ECU 162,837/100 kg
- Trab tal-ħalib xkumat ECU 118,800/100 kg
- Butir ECU 235,632/100 kg
- Zokkor ECU 46,522/100 kg.

IV. Tiġdid tal-kwoti

1. Il-kwoti tat-tariffi applikati fl-1995 fuq bażi awtonoma jkunu applikati b'lura mill-1 ta' Jannar 1996.
2. B'effett mill-1 ta' Settembru 1996 kwota fis-sena ta' 5 500 tonnellata metrika tinfetaħ mill-Komunità għall-importazzjoni taċ-ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kakaw li jaqgħu taħt il-kodiċi 1806 hliief is-subintestatura 1806 10 (trab tal-kakaw li fih iz-zokkor miżjud jew materja oħra ta' ħlewwa), li għalihom rata fissa ta' dazju ta' ECU 35,15/100 kg tkun tapplika. Dan l-arranġament ma jippreġudikax l-esportazzjoni min-Norveġja lejn il-Komunità bir-rata tad-dazju li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-ammonti riferuti fil-parti III.

V. Arranġamenti addizzjonali

Iż-żewġ naħat ftehm u li jagħtu lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom dan li ġej:

- (a) Ir-rati tar-riferenza għall-frott artab friżat speċifikati fil-Parti II (1) applikati taħt il-matriċi, il-kontenut attwali u r-riċetti *standard* ikunu suġġetti għal reviżjoni konġunta fis-sena qabel il-15 ta' Ġunju. It-tali reviżjonijiet konġunti jikkunsidraw il-prezzijiet tas-suq, is-sitwazzjoni tas-suq, il-produzzjoni Norveġiża u l-importazzjoni lejn in-Norveġja. Il-prezzijiet tar-riferenza u bħala riżultat id-dazji wara jkunu adattati.
- (b) Ir-rati tar-riferenza taċ-ċerejali applikati fil-kolonna intestati "Matriċi", "Kontenut attwali" u "Riċetti *standard*" min-Norveġja u taħt il-kolonna intestati "Matriċi" u "Riċetti *standard*" mill-Komunità jkunu aġġustati jekk il-prezzijiet tas-suq, is-sitwazzjoni tas-suq u/jew tiddil sinifikanti fil-kummerċ jindikaw tali bżonn. Bħala riżultat id-dazji jkunu adattati. Jinżammu konsultazzjonijiet bejn il-partijiet qabel tali aġġustamenti.
- (c) Ir-rati tar-riferenza tal-materja prima għall-prodotti tal-ħalib applikati fil-kolonna intestati "Matriċi", "Kontenut attwali" u "Riċetti *standard*" min-Norveġja u taħt il-kolonna intestati "Matriċi" u "Riċetti *standard*" mill-Komunità jkunu aġġustati jekk il-prezzijiet tas-suq, is-sitwazzjoni tas-suq u/jew tiddil sinifikanti fil-kummerċ jindikaw tali bżonn. Bħala riżultat id-dazji jkunu adattati. Jinżammu konsultazzjonijiet bejn il-partijiet qabel tali aġġustamenti.
- (d) Ir-rati tar-riferenzi tal-lamtu u l-glukosju applikati fil-kolonna intestati "Matriċi", "Kontenut attwali" u "Riċetti *standard*" min-Norveġja u taħt il-kolonna intestati "Matriċi" u "Riċetti *standard*" mill-Komunità jkunu aġġustati jekk il-prezzijiet tas-suq, is-sitwazzjoni tas-suq u/jew tiddil sinifikanti fil-kummerċ jindikaw tali bżonn. Bħala riżultat id-dazji jkunu adattati. Jinżammu konsultazzjonijiet bejn il-partijiet qabel tali aġġustamenti.
- (e) Jekk diffikultajiet kellhom jinjalghu fl-implimentazzjoni tal-kwota dwar iċ-ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kakaw riferuta taħt il-Parti IV miżuri xierqa jittieħdu jekk hemm bżonn b'kunsiderazzjoni sħiħa ta' l-interessi Norveġiżi. Jinżammu konsultazzjonijiet bejn il-partijiet qabel jiddaħlu dawn il-miżuri.

VI. Kundizzjonijiet futuri tal-kummerċ

Iż-żewġ naħat ftehm u li jagħmlu l-aħjar taqgħom biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ fil-futur wara li jikkunsidraw il-kriterji rilevanti, bħall-evoluzzjoni tal-mixxiet fil-kummerċ, il-preferenza bilaterali applikata fil-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati u l-evoluzzjoni tas-swieq u l-prezzijiet tal-materja prima. F'dan ir-rigward iż-żewġ naħat ftehm u li jfittxu li jiksbu trattament preferenzjali mtejjeb fil-kuntest tal-Protokoll 3 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Quantities to be taken into account within the bands — milk and milk products				
Milk fat % of weight	Milk protein % of weight	Skimmed milk powder	Whole milk powder	Butter
0 — 1,5	0 — 2,5	0	0	0
	2,5 — 6	14	0	0
	6 — 18	42	0	0
	18 — 30	75	0	0
	30 — 60	146	0	0
	60 — >	208	0	0
1,5 — 3	0 — 2,5	0	0	3
	2,5 — 6	14	0	3
	6 — 18	42	0	3
	18 — 30	75	0	3
	30 — 60	146	0	3
	60 — >	208	0	3
3 — 6	0 — 2,5	0	0	6
	2,5 — 12	12	20	0
	12 — >	71	0	6
6 — 9	0 — 4	0	0	10
	4 — 15	10	32	0
	15 — >	71	0	10
9 — 12	0 — 6	0	0	14
	6 — 18	9	43	0
	18 — >	70	0	14
12 — 18	0 — 6	0	0	20
	6 — 18	0	56	2
	18 — >	65	0	20
18 — 26	0 — 6	0	0	29
	6 — >	50	0	29
26 — 40	0 — 6	0	0	45
	6 — >	38	0	45
40 — 55	40	0	0	63
55 — 70	55	0	0	81
70 — 85	70	0	0	99
85 — >	85	0	0	117

Quantities to be taken into account within the bands other than milk and milk products	
Banding	To be applied
Starch/Glucose	
0 — 5	
5 — 15	12,5 (3,13 NOS + 9,38 PS)
15 — 25	22,5 (5,63 NOS + 16,88 PS)
25 — 50	43,75 (10,94 NOS + 32,81 PS)
50 — 75	68,75 (17,19 NOS + 51,56 PS)
75 — >	100 (25 NOS + 75 PS)
Flour	
0 — 5	0
5 — 15	12,5
15 — 25	22,5
25 — 35	32,5
35 — 45	42,5
45 — 55	52,5
55 — 65	62,5
65 — 75	72,5
75 — >	115
Egg	
0 — 3	0
3 — 5	4,5
5 — 10	8,75
10 — 15	13,75
15 — 20	18,75
20 — 30	27,5
30 — 50	45
50 — >	60
Berries	
0 — 3	0
3 — 5	4,5
5 — 10	8,75
10 — 15	13,75
15 — 20	18,75
20 — 30	27,5
30 — 50	45
50 — >	60
Cheese	
0 — 3	0
3 — 5	4,5
5 — 10	8,75
10 — 15	13,75
15 — 20	18,75
20 — 30	27,5
30 — 50	45
50 — >	60
Meat	
0 — 3	0
3 — 6	5,25
6 — 10	7,5
10 — 15	12,5
15 — 20	17,5
20 — >	50